MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Frar, 2007

Numru 970/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Michael Mallia**
**v**

**THERESE MARIA MAMO**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputata **THERESE MARIA MAMO** ta' hamsa w ghoxrin sena bint Victor u Pauline nee Borg, imwielda Pieta nhar l-erbgha ta' Gunju 1981 u residenti Binja 7, Entratura C, Bieb numru 8, Wesghat l-Plajja, H'Attard, detentrici ta' karta tal-identita numru 294081M giet imressqa quddiemha akkuzata:

1. talli fis-sbatax ta' Ottubru 2003 bil-lejl, waqt li kienet l-Floriana, flimkien ma persuna ohra mhux maghrufa, ikkommettiet serq ta' handbag u diversi oggetti ohra fosthom apparat cellulari u flus kontanti, liema serq

huwa kkwalifikat bil-vjolenza, u bil-hin u li sar ghad-dannu ta' Salvina Mangion, anzjana ta' aktar minn sittin sena;

2. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkagunat feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Salvina Mangion;

3. talli fis-sbatax ta' Ottubru 2003 u fix-xhur ta' wara din d-data, xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta kif wkoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom, liema oggetti misruqa gew minn reati ta' serq.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti nkluz l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-hamsa ta' Jannar 2007 [fol 51] sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputata, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti.

Semghet lil imputata tiddikjara li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta u dan fis-seduta tal-hamsa ta' Jannar 2007 [fol 52].

Semghet l-ammissjoni tal-imputata ghat-tielet [3] akkuza kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar t-tnax ta' Frar 2007 [fol 53].

Semghet lil prosekuzzjoni tiddikjara li l-akkuza ta' serq inghatat b'mod alternattiv w ghalhekk in vista tal-ammissjoni tal-imputata, stiednet lil Qorti ma tiehux konjizzjoni ta' din l-akkuza.

Illi ghalhekk il-Qorti tiddikjara li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din l-ewwel [1] akkuza stante dak verbalizzat mill-prosekuzzjoni llum.
Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputata wiegbet li hi hatja din l-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u taghtha zmien xieraq biex jekk trid terga lura minnha u kien wara li staqsietha t-tieni

darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputata, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssibha hatja tal-akkuza minnha ammessa.

Illi mill-provi prodotti il-Qorti tirrileva li t-tieni akkuza ma gietx ppruvata stante li l-vittma tghid li l-aggressur taghha kien guvnott w ghalhekk ma ssibhiex hatja ta' din l-akkuza.

Ghaldaqstant **il-Qorti,** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 221 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed ssib lil imputata THERESE MARIA MAMO hatja tat-tielet [3] akkuza u tiddeciedi li tilliberha bil-kundizzjoni li ma tghamilx reat iehor ghal perjodu ta' sena mill-lum ai termini tal-artikolu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Tiddikjara li ma ssibhix hatja tat-tieni [2] akkuza u tilliberaha minnha filwaqt li tiddikjara li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel [1] akkuza stante dak verbalizzat mill-prosekuzzjoni llum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------